**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 137/18 AL

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz taghhom ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel, F li twieled fit-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003);

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Roberta Borg mit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u

hmistax (2015) (Ara Dok B anness) ghalkemm kien ilhom snin separati minn xulxin, anke intimament, ghalkemm kienu ghadhom joqghodu taht l-istess saqaf ;

Illi skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B, Klawsola 7(i) u (ii)), l-ebda manteniment m'hu dovut fir-rispett tal-konjugi *stante* li huma irrinunzjaw bl-aktar mod irrevolkabbli u assolut ghad-dritt tieghhom li jitlobu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin b'tali rinunzja tkun wahda definittiva;

Illi skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B, Klawsola 11(i)) ir-ragel obbliga ruhhu li jhallas lill-mara retta alimentarja ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-minuri liema somma tigi trasferita f'kont bankarju tal-komparenti mara hekk kif indikat minnha u dan bi *standing order*;

Illi ghalkemm ghad hemm pendenzi ta' ftit xhur rigward spejjez ta' sahha u edukazzjoni, il-manteniment fl-ammont ta' €200 dejjem ghaddieh lilha fil-hin w'ghaldaqstant tixtieq illi tipprocedi b'dawn il-proceduri;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom iktar minn erbgha (4) snin mifrudin illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat, li permezz taghha jikkonferma :

1. Illi l-intimat ma jopponix it-talba sabiex dina il-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u jaqbel mat-talbiet kif elenkati fir-rikors tar-rikorrent.

Ghaldaqstant l-intimat jitlob li t-talba tar-rikorrenti tigi milqugha b'dan li m'ghandux ibati spejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Marzu, 2018;

Rat illi r-rikorrenti ikkonfermat ir-rikors promotur bil-gurament;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Marzu 2015 u ilhom iktar minn erba' snin mifrudin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.